**20 ta' Frar, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus.*

Antonio Sammut

**Responsabbiltà Kriminali — Impjegat.**

*Il-prinċipal li jħaddem in-nies miegħu biex jagħmlulu xi xogħol hu mhux biss fid-dover li jifforníxxi lill-impjegat tiegħu mezzi ossija strumenti tax-xogħol ta' xorta tali li jistgħu jintużaw b'sikurezza, imma wkoll id-dover li jieħu l-miżuri kollha raġjonevoli sabiex iżomm dawk il-mezzi jew strumenti kontinwament fi stat ta' sikurezza.*

Il-Qorti:— Rat l-att tar-rinviju tal-Attorney General tat-13 ta' Novembru 1959, wara l-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija, sabiex il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tiddeċidi fuq l-imputazzjoni talli fit-18 ta' Settembru 1959, għall-ħabta tal-4.00 p.m., l-imputat, bħala sid u persuna responsabbli għat-tħaddim ta' "generator" għall-qtugħ tal-blat fil-barriera magħrufa bħala

"tal-Gvern", limiti ta' Ħal Kirkop, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Alfred Farrugia, ta' 25 sena;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Diċembru 1959, li biha sabet lill-imputat ħati talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Alfred Farrugia; u kkundannatu għall-multa ta' £50;

Rat ir-rikors tal-imputat fol. 61, li bih hu appella missentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta li l-imputat kien sid il-barriera, li fiha hu kellu ġeneratur elettriku biex jattiva muturi għall-qtugħ ta' ġebel. Ċertu Alfred Farrugia kien impjegat mal-imputat jaħdem f'dan ix-xogħol. Fil-jum imsemmi fiċ-ċitazzjoni dan Farrugia, waqt li kien hekk jaħdem, rifes l-"earth wire", li minħabba "short circuit" kellu l-kurrent fuqu, ħa "shock", u miet;

Irriżulta wkoll mill-provi akkwiżiti għall-proċess li dan l-"earth wire" kien maqtugħ f'diversi bnadi, speċjalment mal-muturi. Il-qtugħ tal-"earth wire" ma kienx dovut għal xi fattur imprevist, imma kien l-effett tax-xorta tax-xogħol, li kien jinneċessita illi l-muturi u s-"circular saws" jitressqu kontinwament minn banda għall-oħra;

L-espert nominat mill-Ewwel Qorti sab illi fis-switch No. A1 kien hemm "short circuit", u bil-berqa tax-"short circuit" mal-kaxxa tal-ħadid tas-switch il-fili għamlu kuntatt mal-"earth", u b'hekk il-kurrent ta' 220 volts mar fl-

"earth", u mill-"earth", peress li kien maqtugħ, f'lok ma ġie assorbit, mar ġo ġisem Farrugia u qatlu;

Fir-relazzjoni tiegħu l-espert kien ġie għall-konklużjoni li l-inċident kien, kif sejjaħlu hu, disgrazzja aċċidentali, u li għalhekk ("ipsis verbis") hu ma seta' jitfa' ħtija fuq ħadd;

Il-motiv li ddeterminah jiġi għal din il-konklużjoni kien dak premess għaliha, bil-kliem "Li kieku ma saretx il-ħsara tal-wires fil-kaxxa tas-switch, ma kienx jiġri dak li ġara";

Issa, din il-konklużjoni, kif motivata, kienet manifestament erronea; għaliex hu ovvju li l-"earth wire" hu preskritt appuntu biex jiġu evitati l-konsegwenzi ta' "short circuits" simili. Kieku ma jiġri xejn anormali fit-trasmissjoni tal-kurrent, allura ma hemmx bżonn il-prekawzjoni tal-"earth wire"; imma dan hu kollokat appuntu sabiex jassorbixxi dak il-kurrent, li jiġi devijat minħabba evenienzi simli. Hu insostenibbli li wieħed jgħid illi l-każ kien fortuwitu, għax, kieku ma vverifikax ruħu dak ix-"short circuit", ma kien jiġri xejn; għaliex l-"earth wire" qiegħed hemm, u għandu jkun hemm fi stat regolari, preċiżament biex ma jiġri xejn, non ostante li jkun hemm "short circuit";

F'dan il-każ kien hemm iċ-ċirkustanza bażilari li l-"earth wire" kien maqtugħ f'diversi bnadi — ħaġa li l-imputat ma setgħax ma jkunx jaf biha, u li hi manifestament perikoluża. Aktar tard, fl-iżvolġiment proċesswali quddiem l-Ewwel Qorti, l-espert fil-fatt immodifika l-konklużjoni tiegħu; għaliex, fil-kors tax-xhieda tiegħu tas-7 ta' Novembru 1959 fol. 36, hu qal hekk:— "Kieku l-"earth" kien regolari, non ostante l-ħsara li kien hemm fil-"wiring", liema ħsara kkaġunat ix-shock elettriku li ġieb il-mewt ta' Alfred Farrugia, id-disgrazzja kienet tiġi evitata";

Fil-21 ta' Novembru 1959 il-perit reġa' ġie eskuss, u rrikonoxxa dak li kien qal fix-xhieda tiegħu preċedenti, billi qal hekk, fol. 49 tergo:— "Jekk l-"earth" jkun tajjeb, il-kurrent ma għandux jinħass", żied jgħid (ibidem):—

"Kieku l-"earth" kien regolari, il-kurrent kien jintilef u ma kien jiġri xejn";

Dan juri biċ-ċar li kien il-fatt li l-"earth wire" kien maqtugħ li kien kaġun tal-mewt ta' Farrugia;

Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti l-espert elabora pont ieħor, u qal li, anki jekk l-"earth wire" ma jkunx maqtugħ, jista' jkun li, minħabba f'xi sadid, ikun hemm dik li tissejjaħ "high resistance"; u allura min jirfes l-"earth" jieħu shock tas-"short circuit" anki jekk l-"earth" ma jkunx maqtugħ. Iżda, jekk wieħed japprofondixxi tajjeb din l-aħħar xhieda tal-espert, isib li verament hu kien qiegħed jaċċenna għal possibbiltà merament spekulattiva. Hu ma kkonstatax li fil-fatt, f'dan il-każ, kien hemm din il-"high resistance", imma qal biss li fil-użu f'post espost jista' jitrabba s-sadid, u jista' jkun hemm bħala konsegwenza dik ir-reżistenza għolja. U għalhekk, anki f'din ix-xhieda tiegħu l-espert reġa' sostanzjalment irritorna għal dak il-kien qal qabel, u qal hekk:— "L-"earth" hu neċessarju biex tevita x-shocks; fil-każ li għandna, l-"earth" hu neċessarjissimu; u jekk jinqata', jista' jwassal għal konklużjoni fatali. F'din l-installazzjoni kien hemm ħafna "earth" maqtugħ";

Għalhekk, din iċ-ċirkustanza tal-"high resistance" ma tistax topera bħala diriment; għaliex, kif ingħad, altru li wieħed jgħid li f'din l-installazzjoni partikulari, u f'dak il-wire li rifes Farrugia, kien hemm fil-fatt. bħala ħaġa pożittivament aċċertata, din ir-reżistenza għolja, u altru li wieħed jgħid li, in teorija, jista' jagħti l-każ li minħabba s-sadid li jiġi mill-fatt li l-installazzjoni qegħdha fil-beraħ jista' talvolta jkun hemm din ir-reżistenza. Il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt pożittiv u ndubitat li l-"earth wire" kien maqtugħ, u l-konsiderazzjoni, affermata ripetutament mill-espert li xejn ma kien jiġri kieku l-"earth" kien regolari, għax dan kien jassorbixxi x-shock; u ma tistax il-Qorti tabbanduna l-ġudizzju tagħha għal fattur aċċennat merament bħala possibbiltà astratta;

Barra minn hekk, jekk il-fatt li l-installazzjoni tkun fil-beraħ jista' jġib is-sadid, li mbgħad jipproduċi din il-

"high resistance", dan jista' jfisser ukoll li l-imputat kellu l-obligu ta' attenzjoni aktar biex jara li ma jkunx hemm lok għal din il-"high resistance", jew biex tiġi rimedjata. Anki jekk biex tinsab din il-"high resistance" teħtieġ l-opera ta' espert u ta' strumenti speċjali, kien dejjem dover tal-imputat li jara *li din l-opera tintervjeni;* għaliex hi ħaġa konoxxuta minn kulħadd li installazzjoni elettrika, meta tkun fil-beraħ, tiddeterjora aktar malajr, u trid normalment attenzjoni akbar minn installazzjoni li tkun interna. Dan apparti dejjem ir-rifless deċiżiv li din il-"high-resistance" ġiet aċċennata bħala possibbiltà, u mhux aċċertata bħala fatt pożittiv li effettivament irrikorra f'dan il-każ partikulari;

Ġie anki addott mid-difiża, bħala mezz skriminanti, il-fatt li s-"circuit breaker" awtomatiku ma ffunzjonax, għax, kieku ffunzjona, il-kurrent ma kienx jgħaddi. Però, lanqas dan l-argument ma hu validu. L-ewwelnett, skond l-espert, is-"circuit breaker" ma ħademx, jew għax ma kienx issettjat tajjeb, jew għax it-"time-leg" ma kienetx issettjata tajjeb. It-tieni, kienet x'kienet ir-raġuni l-għaliex dan is-"circuit breaker" ma ħademx, ċert hu li kif ingħad diġà fuq, l-"earth wire" hu bżonnjus appuntu bħala "l'ultima tavola di salvezza" f'każ ta' evenjenzi simili;

Bil-proviżjoni ta' "earth" regolari jiġi aċċertat li, jiġri x'jiġri fit-trasmissjoni tal-kurrent b'mod li din tmur fejn ma għandhiex tmur, il-kurrent jiġi assorbit mill-"earth", u mhux minn bniedem b'konsegwenzi fatali. Għalhekk ma hix difiża dik li biha jingħad li, kieku ħadem is-"circuit breaker", ma kien jiġri xejn; għaliex kontra dak *ir-rifless hemm l-ieħor li, anki bin-nuqqas tas-"circuit breaker"* b'kollox, xejn ma kien jiġri lil Farrugia kieku kien hemm "earth" regolari, u mhux "earth" maqtugħ;

Mela mill-provi jidher dan, li Farrugia miet waqt li kien qed jagħmel ix-xogħol lilu desinjat, u mhux xogħol barrani li *qabad hu minn jeddu;* li hu miet għax ġie fatalment kolpit minn mezzi ossija strumenti li kien fornielu l-imputat, bħala padrun tiegħu, għax-xogħol li ddestinalu; li Farrugia ma għamel xejn barra mix-xogħol tiegħu, u sen-

jatament ma għamel xejn li ġibed fuqu temerarjament il-perikolu; u li miet minħabba li kien maqtugħ l-"earth wire", li kien obligu tal-imputat li jara li kien sewwa u mhux maqtugħ. Infatti, anki apparti liġijiet speċjali, hi materja li tista' tiġi aġevolment indotta mill-prinċipji ġenerali dwar il-kolpa akwiljana, li l-padrun għandu l-obligu li juża l-kawteli kollha sabiex jimpedixxi li l-ħaddiema addetti għax-xogħol tiegħu ma jsofrux infortunji, u għandu l-obligu li jiffornixxi l-ħaddiema bil-mezzi kollha li ma jkunulhomx ta' ħsara. L-obligu tal-padrun ġie sewwa espress fis-sentenza tal-Qorti ta' Genova riportata fil-"Giurista", 5, 211, b'dawn il-kliem:— "Il-padrone deve preservare i suoi operai non solo dai pericoli necessari, ma anche dai probabili, sia rimuovendo il pericolo dipendente da certe condizioni di località in cui debbono manovrare gli operai, sia esercitando una continua ed efficace sorveglianza";

Anzi l-Qorti tirrileva li l-imputat kellu mhux biss id-dover li jiffornixxi "ab initio" lill-impjegat tiegħu Farrugia mezzi ossija strumenti tax-xogħol ta' xorta tali li setgħu jintużaw b'sikurezza, imma kellu anki d-dover li jieħu l-miżuri kollha raġjonevoli sabiex iżomm dawk il-mezzi jew strumenti kontinwament fi stat ta' sikurezza. Jingħad fil-Halsbury, Laws of England, 2nd edition, Vol. 23 p. 575, b'ċitazzjoni ta' awtoritajiet fin-nota (e) in kalċe:— "It is the duty of a master to provide safe tackle and appliances for his servants, and in ordinary cases to take reasonable care to keep them so";

Għalhekk, f'dan il-każ l-imputat kellu mhux biss id-dmir inizjali li jipprovdi "earth wire" regolari, imma wkoll id-dmir li jara li dak l-"earth wire" jiġi miżmum fi stat regolari u mhux maqtugħ f'diversi bnadi;"

Jista' anki jiżdied li jirrikorri effikaċement għall-integrazzjoni tar-reat addebitat lill-imputat l-element tal-prevedibbilità ġenerika; għaliex il-proviżjoni tal-"earth wire" hi ħaġa nota għal kulħadd bħala prekawzjoni, u hu risaput li l-prevedibbilità, fil-każ ta' kolpa fil-penal, hi, kif

jesprimi ruħu l-Maino, comm. art. 371, para. 1622, dik "propria della comune degli uomini"; *kif inhi ħaġa* ugwalment nota għal kulħadd li l-"earth" qiegħed ħemm għal evenjenzi anormali, u li l-"earth" maqtugħ hu inutili u perikoluż. Kollox juri, għalhekk, li kien hemm mill-parti tal-imputat dak ir-"reckless disregard for the safety of others" li jġib in-negliġenza kriminali (Archbold, Crim. Pleading, 1959 edition, p. 962, § 2520; Ugo Conti, comm. art. 371, para. 93);

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.